MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2014

Numru. 73/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Christopher Vella**

Numru 73/2014

Illum 14 ta' Ottubru 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Christopher Vella**, ta' sitta u ghoxrin (26) sena, iben Carmel u Rose neé

Bugeja, imwieled ir-Rabat, Ghawdex, nhar l-20 ta' April 1988, residenti Melrose House, Triq ta' Marziena, Munxar, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 23188G, akkuzat talli nhar l-1 ta' Settembru 2013 u fil-granet ta' qabel gewwa Triq il-Port, Marsalforn limiti taz-Zebbug, Ghawdex u f'postijiet ohra gewwa dawn il-Gzejjer, f'hinijiet differenti:

1. kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u l-pjanta *cannabis* kollha, jew bicca minnha u dan bi ksur tal-Artikoli 8(a) u 8 (d), tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew mhassra.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) (Dok. "C").

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-Prosekuzzjoni tirtira t-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u din ghalhekk hija sodisfacentement pruvata.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reat addebitat lill-imputat u li gie pruvat, l-ammissjoni bikrija tieghu, il-fedina penali tieghu (Dok. "B"), il-ko-operazzjoni tieghu mal-Pulizija, l-istqarrija rilaxxata minnu lill-Pulizija u dak li gie verbalizzat fis-seduta tallum rigward il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat.

Ghaldaqstant il-Qorti, filwaqt li tasjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, u dana *stante* li din l-imputazzjoni giet irtirata mill-Prosekuzzjoni, wara li rat Artikoli 8(a), 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 issib lill-imputat Christopher

Vella hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa ta' hames mitt Euro (€ 500.00).

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita u l-affarijiet relatati maghha mmarkati bhala Dok. "G" taħt il-ħarsien tar-Registratur.

Finalment, il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jigi ordnat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta *stante* li ma gewx imqabbda l-ebda esperti f'dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------